Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,571, 12 ta' Frar, 2021
Taqsima A

MALTA

ATT Nru IV tal-2021

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra, Kap. 252.

ACT No. IV of 2021

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the National Holidays and other Public Holidays Act, Cap. 252.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

12 ta' Frar, 2021

ATT Nru IV tal-2021

ATT sabiex jemenda l-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra, Kap. 252.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2021 li jemenda l-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Festi Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Kap. 252.

Emenda tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali.

2. Minnufih wara l-paragrafu (b) tal-artikolu 6 tal-Att prinċipali għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) b'effett mill-1 ta' Jannar 2021, meta festa nazzjonali jew btala pubblika mniżżla fl-Iskeda taħbat fil-ġurnata tas-Sibt jew fil-ġurnata tal-Ħadd, dik il-festa nazzjonali jew btala pubblika għandha titqies bħala btala pubblika għall-iskop illi jingħata jedd lil xi persuna għal jum ta' *leave* għal vaganza b'żieda mad-dritt tal-*leave* għal dik is-sena partikolari kif ikkalkulata fuq id-dritt bażiku pprovdut fir-regolament 8 tar-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol;".

L.S. 452. 87.

A 14

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 426 tad-9 ta' Frar, 2021.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati